

32002L0042

22.5.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 134/29

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2002/42/KE**tas-17 ta' Mejju 2002**

li temenda l-Annessi tad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE fir-rigward ta' l-istabbiliment tal-livelli massimi għal residwi tal-pestiċidi (bentazone u pyridate) ġewwa u fuq iċ-ċereali, l-oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini animali u ċerti prodotti li joriġinaw mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex

(Test b'relevanza ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/362/KEE ta' l-24 ta' Lulju 2002 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi ta' pestiċidi fi u fuq iċ-ċereali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/23/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari bl-Artikolu 10 (1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 86/363/KEE ta' l-24 ta' Lulju 2002 fuq l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi ta' pestiċidi fi u fuq l-oġġetti ta' l-ikel ta' oriġini mill-animalli ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2001/23/KE, u b'mod partikolari bl-Artikolu 10 (1) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar ta' livelli massimi għal residwi ta' pestiċidi fi u fuq ċerti prodotti ta' oriġini mill-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2002/23/KE, u b'mod partikolari bl-Artikolu 7 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tpoġġja fuq is-suq tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/37/KE ⁽⁶⁾, u b'mod partikolari bl-Artikolu 4 (1)(f) tagħha,

Billi:

- (1) Is-sustanzi attivi eżistenti *bentazone* u *pyridate* kienu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bid-Direttivi tal-Kummissjoni 2000/68/KE ⁽⁷⁾ u 2001/21/KE ⁽⁸⁾, għall-użu bħala erbiċida fuq ċereali, ħxejjex u għalf tal-bhejjem.
- (2) L-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati kienet ibbażata fuq l-assessjar ta' l-informazzjoni sottomessa li tikkonċerna l-użu propost. L-informazzjoni rrelatata ma' dan l-użu kienet sottomessa minn ċerti Stati Membri bi qbil ma' l-Artikolu 4 (1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE. L-informazzjoni disponibbli kienet riveduta u kienet biżżejjed biex tippermetti li jkunu fissati ċerti livelli massimi ta' residwu (MRLs).
- (3) Meta l-ebda MRL tal-Komunita jew MRL proviżorju ma jeżisti, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu MRL proviżorju bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE qabel prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li jkun fihom dawn is-sustanzi attivi jkunu jistgħu jiġu awtorizzati.
- (4) Fir-rigward ta' l-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE tas-sustanzi attivi kkonċernati, l-evalwazzjoni teknika u xjentifika rrelatata kienet iffinalizzati fl-għamla ta' rapporti ta' l-analiżi tal-Kummissjoni. Ir-rapporti kienu ffinalizzati fit-13 ta' Lulju 2000, fil-każ tal-*bentazone* u fit-12 ta' Diċembru 2000 fil-każ tal-*pyridate*. Dawn stabbilew id-dħul aċċettabbli ta' kull ġurnata (ADI) għall-*bentazone* fi 0,1 mg/kg bw/jum u għall-*pyridate* fi 0,036 mg/kg bw/jum. L-espożizzjoni tul il-ħajja

⁽¹⁾ ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 37.⁽²⁾ ĠU L 64, tas-7.3.2002, p. 13.⁽³⁾ ĠU L 221, tas-7.8.1986, p. 43.⁽⁴⁾ ĠU L 350, ta' l-14.12.1990, p. 71.⁽⁵⁾ ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 117, ta' l-4.5.2002, p. 10.⁽⁷⁾ ĠU L 276, tat-28.10.2000, p. 41.⁽⁸⁾ ĠU L 69, ta' l-10.3.2001, p. 17.

tal-konsumaturi ta' prodotti ta' l-ikel trattati bis-sustanzi attivi kkonċernati għet assessjata u evalwata bi qbil mal-proċeduri tal-Komunità. Ġew ikkunsidrati wkoll il-linji gwida ppubblikati mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ⁽¹⁾ u l-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti ⁽²⁾ dwar il-metodoloġija użata. Kien konkluż li l-MRL proposti mhux se jwasslu biex dawg l-ADI jkunu misbuqa.

- (5) L-ebda effetti tossiċi akuti li jeħtieġu l-issettjar ta' doża ta' referenza akuta ma ġew innutati waqt l-evalwazzjoni u d-diskussjonijiet li ppreċedew l-inklużjoni tal-pyridate fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Id-doża ta' referenza akuta għall-bentazone kienet stabbilita fi 0,25 mg/kg bw/jum. Skond l-assessjar tal-espożizzjoni l-MRL proposti mhux se jwasslu għal espożizzjoni inaċċettabbli għal konsumaturi.
- (6) Biex ikun assigurat li l-konsumatur ikun adekwatament protett mill-espożizzjoni tar-residwi fi, jew fuq prodotti li għalihom ma tkun ingħatat l-ebda awtorizzazzjoni, huwa prudenti li jkunu stabbiliti MRL proviżorji fl-inqas limitu ta' determinazzjoni analitika għal kull prodott bħal dan kopert mid-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE.
- (7) L-istabbilar fil-livell tal-Komunità ta' MRL proviżorji bħal dawn ma jwaqqafx lill-Istati Membri milli jstabbilixxu MRL proviżorji għall-bentazone u pyridate bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Anness VI tagħha. Huwa kkunsidrat li perijodu ta' erba' snin huwa biżżejjed biex jippermetti l-aktar użu mbiegħed tas-sustanzi attivi kkonċernati. L-MRL proviżorju għandu mbagħad isir definittiv.
- (8) L-Annessi tad-Direttivi 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE għandhom għalhekk jiġu emendati skond dan.
- (9) Il-Kummissjoni nnotifikat din id-Direttiva fl-għamla ta' abbozz lejn l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-ebda kummenti ma kienu waslu. Il-possibbiltà li jkunu stabbiliti tollerranzi ta' l-importazzjoni MRL għall-għaqdiet speċifiċi ta' pestiċidi/żrieragħ sejrin ikunu eżaminati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tad-dettalji aċċettabbli ppreżentati.
- (10) Din id-Direttiva hija bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Animali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi segwenti huma miżjuda mal-Parti A ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/362/KEE:

Residwu ta' pestiċidi	Livell massimu fi mg/kg
"Bentazone (is-somma tal-bentazone u l-għaqda tal-bentazone 6-OH u 8-OH- espress bħala bentazone)	0,1 (p) (*) Ċereali
Pyridate (is-somma tal-pyridate, il-prodott idrolisi tiegħu CL 9673 (6-chloro-4-hydroxy-3-phenylpyridazin) u l-għaqda idrolizzabbli ta' CL 9673 espress bħala pyridate)	0,05 (p) (*) Ċereali

(p) Jindika l-livell residwu massimu proviżorju bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sa kemm ma jkunx emendat, dan il-livell għandu jsir definittiv b'effett minn 4 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda.

(*) Jindika limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika."

⁽¹⁾ Linji ta' gwida biex ibassru d-dħul dietetiku tar-residwi pestiċidi (riveduti), ippreparati mill-GEMS/Programm ta' l-Ikel f'kollaborazzjoni mal-Kumitat Codex dwar ir-Residwi tal-Pestiċidi, ippubblikat mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa 1997 (WHO/FSF/FOS/97.7).

⁽²⁾ L-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti, fir-rigward ta' mistoqsijiet irrelatati għall-emenda ta' l-Annessi għad-Direttivi tal-Kunsill 86/362/KEE, 86/363/KEE u 90/642/KEE (L-Opinjoni espressa mill-Kumitat Xjentifiku tal-Pjanti, 14 ta' Lulju 1998)

Artikolu 2

Il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi segwenti huma miżjuda mal-Parti B ta' l-Anness II tad-Direttiva 86/363/KEE:

Residwu ta' pestiċidi	Livell massimu (mg/kg)		
	Tal-laħam, inkluż ix-xaħam, it-taħlit ta' laħam, ir-raċanċ u s-sonża ta' l-annimali kif elenkat fl-Anness I fi ħdan il-kodiċi NM 0201, 0202, 0203, 0204, 0205 00 00, 0206, 0207, ex 0208, 0209 00, 0210, 1601 00 u 1602	Għall-ħalib u prodotti tal-ħalib elenkati fl-Anness I fil-kodiċi NM 0401, 0402, 0405 00 u 0406	Ta' bajd frisk mingħajr il-qoxra, għall-bajd ta' l-għasafar u l-isfar tal-bajd elenkati fl-Anness I fi ħdan il-kodiċi NM 0407 00 u 0408
"Bentazone	0,05 (p) (*)	0,02 (p) (*)	0,05 (p) (*)
Pyridate (is-somma tal-pyridate u l-prodott idrolisi tiegħu CL 9673 (6-chloro-4-hydroxy-3-phenylpyridazin) espress bħala pyridate)	Kliewi għajr tat-tjur 0,4 (p) Prodotti oħra (p) (*)	0,05 (p) (*)	0,05 (p) (*)

(p) Jindika l-livell residwu massimu proviżorju bi qbil ma' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE: sa kemm ma jkunx emendat, dan il-livell għandu jsir definittiv b'effett minn 4 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li tintroduċi din l-emenda.

(*) Jindika l-limitu aktar baxx tad-determinazzjoni analitika."

Artikolu 3

Il-livelli massimi tar-residwi tal-pestiċidi għall-bentazone u għall-pyridate kif murija fl-Anness ta' din id-Direttiva huma miżjuda ma' l-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jdaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2002. Għandhom jinfurmaw minnufih b'dan lill-Kummissjoni.

Għandhom japplikaw dawn il-provvedimenti b'effett mill-1 ta' Jannar 2003.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-disposizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom jkunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif din ir-referenza għandha ssir.

Artikolu 5

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 17 ta' Mejju 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li japplikaw għall-MRL	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Bentazone (somma tal-bentazone u l-għaqda tal-bentazone 6-OH- u 8-OH-espress bħala bentazone)	Pyridate (is-somma tal-pyridate, il-prodott idrolisi tiegħu CL 9673 (6-chloro-4-hydroxy-3-phenylpridazin) u għaqda idrolizzabli ta' CL 9673 espress bħala pyridate)
1) Frott, frisk, imqadded jew mhux imsajjar, ippreservat bil-frیža, li ma fihx zokkor miżjud: lewż	0,1 (p) (*)	0,05 (p) (*)
(i) FROTT TAĊ-ĊITRU Graprefruit (tronġa) Lumi Xkomp Mandolina (inklużi l-klementini u l-ibridi oħra) Larinġ Pomelos Oħrajn		
(ii) SIĠAR TAL-LEWŻ (bil-qoxra jew mingħajr qoxra) Lewż ġewż tal-Brażil Ġewż tal-cashew Qastan Ġewż tal-Indi Ġellewż Macadamia Ġewż Amerikana Ġewż tal-arżnu Pistaċċi Ġewż Oħrajn		
(iii) FROTT POME Tuffieħ Lanġas Sfarġel Oħrajn		
(iv) FROTT BL-GĦADMA Berquq Ċirasa Ħawħ (inkluż nuċiprisk u ibridi simili) Għanbaqar Oħrajn		
(v) KUKKI U FROTT ŻGĦIR (a) Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid Għeneb tal-mejda Għeneb ta' l-inbid (b) Frawli (li mhux selvaġġ)		

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li japplikaw għall-MRL	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Bentazone (somma tal-bentazone u l-għaqda tal-bentazone 6-OH- u 8-OH-espress bħala bentazone)	Pyridate (is-somma tal-pyridate, il-prodott idrolisi tiegħu CL 9673 (6-chloro-4-hydroxy-3-phenylpridazin) u għaqda idrolizzabbli ta' CL 9673 espress bħala pyridate)
(ċ) Frott tal-kannamieli (li mhux selvaġġ) Ċawsli Dewberries Loganberries Lampone Oħrajn		
(d) Frott żgħir ieħor u kukku (li mhux selvaġġ) Bilberries Cranberries Passolina (ħamra, sewda u bajda) Ribes Oħrajn		
(e) Kukku selvaġġ u frott selvaġġ		
(vi) MIXXELLANJI Avokado Banana Tamal Tin Kiwi Kumquats Litchis Mangu Żebbuġ Frott tal-passjoni Ananas Rummien Oħrajn		
2) Ħaxix, frisk jew mhux imsajjar, iffriżat jew imqadded		
(i) ĦAXIX TA' L-GĦERUQ U TUBERI Pitravi Karrotti Krafes ħoxnin Għerq tal-mustarda Artiċokk Zfunnarija (bajda fl-isfar) Għeruq tat-tursin Ravanell abjad Salsafja Patata ħelwa Lift (nevev) Nevev Jam Oħrajn	0,1 (p) (*)	0,05 (p) (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li japplikaw għall-MRL	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Bentazone (somma tal-bentazone u l-għaqda tal-bentazone 6-OH- u 8-OH-espress bħala bentazone)	Pyridate (is-somma tal-pyridate, il-prodott idrolisi tiegħu CL 9673 (6-chloro-4-hydroxy-3-phenylpidazin) u għaqda idrolizzabbli ta' CL 9673 espress bħala pyridate)
(ii) BASAL TAL-ĦXEJJEX Tewm Basal Basal abjad Basal li jittiekel nej tar-rebbiegħa) Oħrajn	0,1 (p) (*)	0,05 (p) (*)
(iii) ĦXEJJEX TAL-FROTT (a) Solanacea Tadam Bżar Brunġiel Oħrajn (b) Qara tal-fliexken - qoxra li tittiekel Ħjar Ħjar żgħir Zukkini Oħrajn (ċ) Qara tal-fliexken - qoxra li ma tittiekilx Bettieħ Qara' xitwi (bil-lbieba) Dulliegħ Oħrajn (d) Qamħirrum ħelu	0,1 (p) (*)	0,05 (p) (*)
(iv) ĦAXIX BRASSIKA (a) Fjoritura tal-brassika Brokli Pastard Oħrajn (b) Ras il-brassika Kaboċċi żgħar Ras il-kaboċċa Oħrajn (ċ) Brassika bil-weraq Kaboċċi Ċiniżi Kabboċċa (kale) Oħrajn (d) Ġidra (Kohlrabi)	0,1 (p) (*)	0,05 (p) (*) 0,2 (p) 0,05 (p) (*) 0,05 (p) (*)
(v) ĦAXIX TAL-WERAQ U ĦWAWAR FRISKI (a) Ħass u simili Krexxuni Ħass tal-ħaruf Ħass Scarole Oħrajn	0,1 (p) (*)	0,05 (p) (*)

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li japplikaw għall-MRL	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Bentazone (somma tal-bentazone u l-għaqda tal-bentazone 6-OH- u 8-OH- espress bħala bentazone)	Pyridate (is-somma tal-pyridate, il-prodott idrolisi tiegħu CL 9673 (6-chloro-4-hydroxy-3-phenylpridazin) u għaqda idrolizzabbli ta' CL 9673 espress bħala pyridate)
(b) Spinaċi u simili Spinaċi Weraq tax-xitel tal-pitravi (l-ispeċi fl-ġeneru <i>Salvelinus</i>) Oħrajn	0,1 (P) (*)	
(c) Krexxuni ta' l-ilma	0,1 (P) (*)	
(d) Witloof	0,1 (P) (*)	
(e) Ħwawar Maxxita Kurrat selvaġġ Tursin Weraq tal-krafes Oħrajn	0,1 (P) (*)	
(vi) ĦAXIX TAL-LEGUMI (frisk) Fażola (bil-miżwed) Beans (mingħajr il-miżwed) Piżelli (bil-miżwed) Piżelli (mingħajr il-miżwed) Oħrajn	0,5 (P) 0,2 (P) 0,1 (P) (*)	0,05 (P) (*)
(vii) ĦAXIX TAZ-ZOKK (frisk) Aspargu Kardun Krafes Bużbież Qaqoċċ Kurrat Rabarbru Oħrajn	0,1 (P) (*)	1 (P) 0,05 (P) (*)
(viii) FUNGI (Faqqieħ) (a) Faqqieħ ikkultivat (b) Faqqieħ selvaġġ	0,1 (P) (*)	0,05 (P) (*)
3) Ħaxix bl-imwieżed Fażola Għads Piżelli Oħrajn	0,1 (P) (*)	0,05 (P) (*)
4) Żrieragħ taż-żjut Żerriegħa tal-kittien Karawett Żerriegħa tal-peprin Żerriegħa tal-ġulġlien Żerriegħa tal-ġirasol Żerriegħa tal-kolza Fażola tas-sojja Żerriegħa tal-mustarda Żerriegħa tal-qoton Oħrajn	0,1 (P)	0,05 (P) (*)
	0,1 (P) (*)	

Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li japplikaw għall-MRL	Residwi ta' pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (mg/kg)	
	Bentazone (somma tal-bentazone u l-għaqda tal-bentazone 6-OH- u 8-OH-espress bħala bentazone)	Pyridate (is-somma tal-pyridate, il-prodott idrolisi tiegħu CL 9673 (6-chloro-4-hydroxy-3-phenylpidazin) u għaqda idrolizzabbli ta' CL 9673 espress bħala pyridate)
5) Patata Patata bikrija Patata għal ħażna	0,1 (p) (*)	0,05 (p) (*)
6) Tè (weraq u zkkuk, niexfa, ffermentati jew mod ieħor, ta' <i>Camellia sinensis</i>)	0,1 (p)	0,1 (p) (*)
7) Hops (niexef), inkluż pritikuni tal-ħops u trab mhux ikkonċentrat	0,1 (p) (*)	0,1 (p) (*)

(p) Jindika livell massimu proviżorju ta' residwu. Għal dawk il-prodotti agrikoli elenkati fl-Anness II tad-Direttiva 90/642/KEE, meta l-livelli massimi tar-residwi għall-*flupyrsulfuron-methyl*, għall-*pymetrozine* u għall-*azoxystrobin* huma indikati bħala "(p)", dan għandu jfisser li huma proviżorji bi qbil mad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 4(1)(f) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(*) Sal-1 ta' Diċembru 2005, il-livelli massimi proviżorji ta' residwi għall-*flupyrsulfuron-methyl* u għall-*pymetrozine* għandhom jiefqu milli jibqgħu proviżorji u għandhom isiru definittivi fis-sens ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 90/624/KEE. Għall-*azoxystrobin* dan għandu jkun l-1 ta' Awissu 2003.